

Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7214/26

ENER 126
FISC 103
ECOFIN 325
COMPET 308
ENV 229

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 115 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 115 final.

Mehmuż: COM(2026) 115 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 10.3.2026
COM(2026) 115 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

dwar il-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini

{SWD(2026) 115 final}

Il-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini — Enerġija affordabbli għal kulħadd

L-Ewropej kollha għandu jkollhom aċċess għal enerġija affordabbli u nadifa fi djar komdi u reżiljenti. **L-enerġija affordabbli** hija kundizzjoni essenzjali għal kwalità tal-ħajja sikura u deċenti, ħielsa mill-faqar, u essenzjali biex jiġu żgurati l-ekwità u l-inklużjoni, b'mod partikolari għall-gruppi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u għall-ġenerazzjonijiet kollha. Jekk il-prezzijiet tal-enerġija jkunu għoljin wisq, l-ekonomija kollha tbat — il-konsum jonqos u n-negozji jbatu. Dan huwa dak li l-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini għandu l-għan li jindirizza.

L-aktar mod sikur biex tinkiseb enerġija affordabbli huwa li niddependu minn **enerġija nadifa li l-Ewropa tista' tipproduċi għaliha nnifisha**. Din hija r-raġuni għaliex l-Ewropej jeħtieġ li jingħataw is-setgħa li jaqilbu mill-gass għal alternattivi aktar nodfa bbażati fuq l-elettriku. **L-eletrifikazzjoni** se ġġib prezzijiet aktar baxxi u aktar stabbli maż-żmien filwaqt li żżid l-indipendenza, is-sostenibbiltà u l-kompetittività Ewropej. L-Istati Membri għandhom rwol x'jaqdu hawnhekk billi jistabbilixxu l-inċentivi mmirati t-tajba — pereżempju, billi jagħmlu l-użu tal-elettriku aktar attraenti permezz ta' inċentivi fiskali u imposti aktar baxxi.

Il-flessibbiltà tippermetti lid-djar b'miters intelliġenti jużaw l-enerġija meta l-elettriku jkun abbondanti u orħos. L-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali tal-vetturi elettriċi jista' jkompli jappoġġa din il-flessibbiltà. Biex dan iseħħ, iċ-ċittadini jeħtieġu aċċess għal informazzjoni u pariri affidabbli adattati għal ħtiġijiet differenti (inklużi d-diżabilitajiet), teknoloġiji affordabbli, u servizzi li jippremjaw lill-utenti talli jaqilbu l-konsum tal-elettriku tagħhom mill-ħinijiet bl-oġġla domanda għal perjodi orħos — b'attenzjoni speċjali tingħata lil gruppi li jiffaċċjaw l-esklużjoni diġitali. Stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru¹ jindika li l-konsumaturi tal-enerġija tal-UE jridu **protezzjoni** aħjar tal-konsumaturi vulnerabbli u ta' dawġ fil-faqar enerġetiku, u aktar **ċarezza u trasparenza tal-kontijiet tal-enerġija**.

Iċ-ċittadini — pereżempju, il-bdiewa, ir-residenti rurali, is-sidien ta' negozji żgħar jew l-iskejjel preprimarji — għandhom ikunu jistgħu jingħaqdu flimkien u jipproduċu u **jikkondividu** l-enerġija prodotta minnhom stess. Dan ineħħi l-perssjoni mill-grilji tal-enerġija lokali u jipprevjeni investimenti bla bżonn fl-infrastruttura tal-enerġija. Ir-rekwiżiti finanzjarji u tekniċi biex jiġu stabbiliti **komunitajiet tal-enerġija** għandhom ikunu ċari u sempliċi. L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi huwa ta' benefiċċju wkoll għall-manifatturi Ewropej ta' **teknoloġiji nodfa** u għall-fornituri tal-elettriku peress li ż-żieda fid-domanda għal prodotti (bħal pompi tas-sħana) u servizzi innovattivi (bħal leasing soċjali, is-sħana bħala servizz) se tipprovdi ċertezza tal-investment u se tgħin biex twassal għal tkabbir f'dawn is-swieq tax-xoġhol. Dawn it-teknoloġiji innovattivi se jtejbu wkoll ir-rabta bejn l-enerġija u l-ilma, speċjalment matul in-nixfiet u l-mewġiet ta' sħana, u b'hekk jgħinu biex jitnaqqsu l-kontijiet tal-energija².

Il-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini għandu l-għan ukoll li jindirizza **l-faqar enerġetiku** — sitwazzjoni serja li bħalissa qed jiffaċċjaw ħafna ċittadini fl-UE, u li qed taffettwa b'mod sproporzjonat lill-gruppi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, u f'żoni rurali jew remoti, fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer. Fl-2024, kważi 10 % taċ-ċittadini Ewropej ma setgħux isaħħnu djarhom b'mod adegwat fix-xitwa, u ħafna qed jiffaċċjaw ħtiġijiet dejjem akbar ta' tkessiħ fis-sajf. It-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u l-qlib għal tisħin u tkessiħ elettriku orħos jew sistemi distrettwali bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli huma essenzjali sabiex jitnaqqsu l-faqar enerġetiku u n-nefqa fuq l-akkomodazzjoni.


¹ [Ewrobarometru Flash 566](#) “Consumer behaviour in the energy transition”, Diċembru 2025.

² L-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma, COM/2025/280 final.

Diġà hemm fis-seħħ sett b'saħtu ta' liġijiet tal-UE għal dan kollu, iżda **l-implimentazzjoni** tiegħu għadha irregolari. L-iżgurar ta' infurzar effettiv tal-liġijiet tal-UE huwa essenzjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom. **L-awtoritajiet lokali** huma kruċjali biex jappoġġaw liċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija permezz ta' pariri amministrattivi, tekniċi u finanzjarji, b'mod partikolari meta jiġu biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u biex jilhqqu gruppi bi bżonnijiet speċifiċi. Bil-għan li jiżdedu l-isforzi konġunti fil-livelli kollha tal-gvern u jinkisbu riżultati għaċ-ċittadini Ewropej, din il-komunikazzjoni, li tikkomplementa inizjattivi oħra tal-Kummissjoni³ dwar l-enerġija affordabbli, tistabbilixxi azzjonijiet konkreti biex: (i) jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi; (ii) jiġu protetti l-konsumaturi u tingħatalhom is-setgħa; (iii) jiġi indirizzati il-faqar enerġetiku; u (iv) jiġu implimentati l-liġijiet eżistenti tal-UE b'mod effettiv.

PILASTRU I: IT-TNAQQIS TAL-KONTIJET TAL-ENERĠIJA GĦALL-UNITAJIET DOMESTIĊI

Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija jagħmlu ħsara lill-ekonomija tal-Ewropa u liċ-ċittadini tagħha. Il-prezzijiet tal-elettriku tal-unitajiet domestiċi żdiedu drastikament matul il-kriżi u għadhom għoljin sal-lum, u dan qed jagħmel ħsara b'mod sproporzjonat lill-gruppi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà. Il-prezzijiet tal-elettriku bl-imnut li qed jiffaċċjaw l-unitajiet domestiċi tal-UE huma 36 % ogħla mill-medja tagħhom tal-2014–2020, filwaqt li l-prezzijiet tal-gass bl-imnut huma 68 % ogħla meta mqabbla mal-medja fl-




istess perjodu. Bħala referenza, l-inflazzjoni matul l-istess perjodu kienet ta' 26 %, li jfisser li l-prezzijiet żdiedu b'10 % ladarba ġew ikkoreġuti bl-inflazzjoni.

Il-kontijiet tal-enerġija li jħallsu ċ-ċittadini huma influwenzati **mit-tariffi tan-network, mit-taxxi u mill-imposti nazzjonali, mill-prezz tal-enerġija bl-ingrossa** u mil-livell ta' konsum individwali. It-taxxi nazzjonali fuq l-enerġija, u l-kalkolu tat-tariffi tan-network huma prinċipalment taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet regolatorji tagħhom, u dawn jagħtuhom l-għodod biex jagħmlu l-kontijiet tal-enerġija aktar affordabbli. Il-Kummissjoni għalhekk qed tipproponi erba' azzjonijiet konkreti f'dan ir-rigward.

Azzjoni 1: It-tnaqqis tat-taxxi u tal-imposti fuq l-elettriku għall-unitajiet domestiċi għall-minimu tal-UE

³Jiġifieri, il-[Patt għal Industrija Nadifa](#), il-[Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli](#), il-[Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli](#), il-[Pakkett dwar il-Grilji](#), l-[Aġenda għall-Bliet](#), kif ukoll l-Istrateġija għall-Elettrifikazzjoni li jmiss, l-Istrateġija dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ jew il-Pjan Direzzjonali Strateġiku għad-Diġitalizzazzjoni fis-Settur tal-Enerġija.



It-taxxi u l-imposti fuq l-elettriku jammontaw, bħala medja, għal 25 % tal-prezz għall-unitajiet domestiċi u 15 % tal-prezz għan-negozji. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu t-taxxi u l-imposti nazzjonali fuq l-enerġija, inklużi taxxi jew imposti addizzjonali mingħajr ebda konnessjoni mal-enerġija (eż. tariffi tax-xandir pubbliku miżjuda mal-kontijiet tal-elettriku⁴). It-tneħħija tal-kostijiet mhux relatati hija ta' benefiċċju għall-kont tal-elettriku ta' kulħadd, b'mod

partikolari għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Xi Stati Membri⁵ naqqsu, jew jinsabu fil-proċess li jnaqqsu, ir-rata tat-taxxa għall-industriji intensivi fl-enerġija. It-tnaqqis tat-tassazzjoni wera wkoll li kien effettiv biex jitrażnu temporanjament il-kontijiet tal-enerġija matul il-kriżi tal-enerġija, b'mod partikolari meta l-prezz bl-imnut tal-elettriku kien b'mod sinifikanti ogħla minn dak tal-gass. Fl-ambitu tad-Direttiva eżistenti dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija u d-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri għandhom il-flessibbiltà li jnaqqsu r-rati minimi tad-dazju tas-sisa u l-VAT fuq il-prezzijiet tal-elettriku. Dan ikollu effett immedjat fuq il-prezzijiet tal-elettriku u jikkontribwixxi wkoll għal elettrifikazzjoni aktar rapida tal-użi finali.

Għan	It-tnaqqis tal-kontijiet tal-elettriku tal-konsumaturi u l-appoġġ għall-eletrifikazzjoni
Riżultat	Il-kontijiet taċ-ċittadini jistgħu jitnaqqsu b'14 % jew b'medja ta' EUR 200 fis-sena.
Kif	L-Istati Membri jikkontribwixxu għal kontijiet tal-elettriku aktar baxxi għall-unitajiet domestiċi billi jwettqu rieżamijiet tat-taxxa u jagħmlu użu sħiħ mill- flessibbiltajiet fil-leġiżlazzjoni tal-UE, u jikkunsidraw tnaqqis immirat sħiħ jew parzjali tar-rati tad-dazju tas-sisa fir-rigward tal-elettriku, eż. għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u vulnerabbli.

Azzjoni 2: It-tnaqqis tal-kostijiet tan-network għall-konsumaturi lokali

Il-konsumaturi jħallsu **tariffi tan-network** biex ikopru l-kost tat-trasport tal-enerġija lejn djarhom. Dan jammonta għal **bejn kwart u terz tal-prezzijiet tal-elettriku** u huwa kruċjali għall-affordabbiltà tal-enerġija. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tiproteġi lill-konsumaturi billi tirrikjedi li l-operaturi tan-networks jgħaddu biss il-kostijiet li jirriflettu l-kostijiet, li huma trasparenti, li jqisu l-ħtieġa tas-sigurtà u l-flessibbiltà tan-network u li jirriflettu l-kostijiet reali

⁴ Il-Greċja, l-Italja u l-Portugall iżidu tariffi relatati max-xandir pubbliku mal-kontijiet tal-elettriku.

⁵ Il-Ġermanja, Franza.

mgarrba⁶. It-tariffi, u l-kostijiet assoċjati magħhom, huma soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali indipendenti.

Il-komunitajiet tal-enerġija li jipproduċu l-enerġija għall-konsum tagħhom stess jew li jikkondividu l-enerġija mal-ġirien jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-użu tal-grilji lokali u jgħinu biex jiġu evitati investimenti f'infrastruttura addizzjonali. Il-premjijiet tal-flessibbiltà fit-tariffi tal-grilja, li jnaqqsu l-kont tal-enerġija għall-komunitajiet tal-enerġija u għaċ-ċittadini li jikkondividu l-enerġija tagħhom, jipprovdu inċentivi għall-produzzjoni u l-konsum lokali tal-enerġija u jipprovdu benefiċċji għall-utenti kollha tan-network.

Fl-2025, il-Kummissjoni ppubblikat **gwida dwar it-tariffi tan-network**⁷ biex tgħin lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jżommu t-tariffi tan-network baxxi, u b'hekk il-kontijiet tal-konsumaturi jibqgħu baxxi wkoll. L-implimentazzjoni rapida ta' din il-gwida se tgħin biex jitnaqqsu t-tariffi tan-network għall-konsumaturi kollha. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-awtoritajiet regolatorji biex japplikaw approċċ rigoruż meta jivvalutaw il-kostijiet/id-dħul u jqisu bis-sħiħ il-flessibbiltà potenzjali u r-rispons tad-domanda biex jissostitwixxu l-investimenti infrastrutturali għaljin. B'segwitu għall-gwida dwar it-tariffi tan-network, il-Kummissjoni se taħdem mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex taċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija inkluż billi tippremja l-effetti pożittivi tal-komunitajiet tal-enerġija u tal-kondiviżjoni tal-enerġija.

Għan	It-tnaqqis tat-tariffi tan-network għall-konsumaturi
Riżultat	Konsum flessibbli u produzzjoni u konsum lokali flessibbli tal-elettriku li jappoġġaw ħtiġijiet aktar baxxi ta' investiment fil-grilja u tħaddim aktar effiċjenti .
Kif	L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma mħeġġa jikkunsidraw inċentivi mmirati fit-tariffi tal-grilja għal konsum lokali flessibbli li jnaqqsu l-kostijiet ġenerali tal-grilja, eż. il-komunitajiet tal-enerġija u ċ-ċittadini li jikkondividu l-enerġija tagħhom; u jivvalutaw il-potenzjal ta' flessibbiltà , b'mod partikolari mill-komunitajiet tal-enerġija u l-kondiviżjoni tal-enerġija meta jtfasslu t-tariffi tan-network. Il-Kummissjoni se tikkoopera mill-qrib mal-ACER u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar l-implimentazzjoni rapida tal- gwida tal-Kummissjoni dwar it-tfassil tat-tariffi tan-network .

Azzjoni 3: It-tisħiħ tal-użu ta' teknoloġiji nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Fl-2023, l-użu ewlieni tal-enerġija mill-unitajiet domestiċi tal-UE kien għat-tisħin tad-djar (62,5 % tal-konsum finali tal-enerġija fis-settur residenzjali), segwit mit-tisħin tal-ilma (15,1 %)⁸. **It-tikketti tal-enerġija tal-UE** diġà juru potenzjal għall-iffrankar u jagħtu pariri utli lill-konsumaturi, pereżempju fid-deċiżjonijiet dwar ix-xiri ta' apparat domestiku għal djarhom⁹. **Is-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija fid-djar u l-apparat intelliġenti modern fl-użu tal-enerġija** għandhom il-kapaċità li jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija. It-tranżizzjoni lejn l-elettromobbiltà toffri opportunitajiet addizzjonali biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija permezz tal-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali tal-vetturi elettriċi, li jippermetti lill-unitajiet domestiċi jottimizaw l-użu tal-elettriku. Madankollu, dawn spiss jitqiesu bħala għaljin wisq,

⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (riformulazzjoni).

⁷ [Avviż dwar Linji gwida dwar tariffi tan-network li jibqgħu validi fil-futur għal kostijiet imnaqqsa tas-sistema tal-enerġija](#), C(2025) 4010 final.

⁸ Eurostat, [“Energy consumption in households”](#), Ġunju 2025.

⁹ [“Europeans attitudes towards energy policies” – Settembru 2024 – Stħarriġ tal-Ewrobarometru](#). Aktar minn tliet kwarti tar-rispondenti kienu użaw it-tikketta tal-enerġija tal-UE matul l-aħħar ħames snin.

prinċipalment minħabba l-pagamenti bil-quddiem għoljin. Biex jindirizzaw dan, xi Stati Membri stabbilew **mudelli ta' finanzjament innovattivi**, inkluż il-leasing soċjali¹⁰. Il-kumpaniji f'xi swieq joffru lill-klijenti sistemi ta' tisħin nadif (inkluża l-manutenzjoni) billi jippermettu lill-konsumaturi jħallsu l-kostijiet f'pagamenti parzjali flessibbli fix-xahar¹¹. L-iskemi lil hinn mill-għotjiet qed jiġu żviluppatti iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet għadhom ma ġewx implimentati b'mod wiesa'.

Il-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri u lill-kumpaniji biex imorru **lil hinn minn approċċ f'forma ta' għotja biss** u biex jiżviluppaw **servizzi tal-enerġija innovattivi u soluzzjonijiet ta' finanzjament** — pereżempju, skemi li jikkombinaw il-leasing soċjali mal-potenzjal li jkopru l-kostijiet kapitali bil-quddiem, li joffru s-sħana bħala servizz¹², jew tariffi flessibbli għall-pompi tas-sħana u għall-kostijiet tal-manutenzjoni. Dan se jagħti liċ-ċittadini tal-UE aċċess akbar għal teknoloġiji nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tal-ilma, filwaqt li jtejjeb il-kwalità tal-aħjar permezz ta', pereżempju, tnaqqis fit-tniġġis, kumdità interna u saħħa aħjar, u tnaqqis fil-kontijiet tal-enerġija. Skemi mfassla kif xieraq **li jikkombinaw il-finanzjament pubbliku u privat** fejn tingħata prijorità lill-persuni fil-faqar enerġetiku u lil gruppi oħra f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, se jkollhom effett pożittiv fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, li l-kostijiet tal-enerġija tagħhom jistgħu jikkostitwixxu sehem sproporzjonat tal-introjtu ġenerali tal-unitajiet domestiċi tagħhom. Bl-istess mod, l-investiment għandu jiġi appoġġat biex jiġu varati soluzzjonijiet li ma jniġġsux jew effiċjenti fl-użu tal-enerġija f'sitwazzjonijiet mhux kollegati mal-grilja. Bl-Istrateġija li jmiss għall-Investiment fl-Enerġija Nadifa¹³, il-Kummissjoni għandha l-għan li tisfrutta l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika.

Għan	Iż-żieda fl-aċċess għal teknoloġiji nodfa u effiċjenti b'soluzzjonijiet innovattivi
Riżultat	Titjib fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, kontijiet tal-enerġija aktar baxxi.
Kif	Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, fi ħdan il- Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika , fuq it-tfassil ta' mudelli prattiċi u innovattivi ta' servizzi tal-enerġija u ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament kif ukoll fuq approċċi lil hinn mill-għotjiet, inkluż il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki biex jintlaħqu l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, iż-żieda fl-użu ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija fid-djar u fil-bini u ta' apparat intelliġenti fl-użu tal-enerġija u t-titjib tal-aċċess tal-unitajiet domestiċi għal servizzi u teknoloġiji tal-enerġija elettrifikati, flessibbli u effiċjenti (Q4 2026).

¹⁰ Pereżempju, Franza nediet it-tieni edizzjoni tas-sistema tal-leasing soċjali għall-vetturi elettriċi. Fil-Latvja, kumpanija statali tal-Latvja, tipprovdi lill-kumpaniji u lill-unitajiet domestiċi aċċess għal riżorsi finanzjarji permezz ta' self, garanziji u investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju.

¹¹ Prattiki tajbin ipprovduti fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-isfruttar tal-investiment privat fl-effiċjenza enerġetika. COM(2026)1526, Rakkomandazzjoni

¹² Mudell ta' negozju li jippermetti lill-klijenti jħallsu biss għas-sħana li jużaw, aktar milli għall-infrastruttura jew għall-fjuwil.

¹³ COM(2026) 116, L-Istrateġija għall-Investiment fl-Enerġija Nadifa.

Azzjoni 4: L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi biex ikollhom l-irħas offerta u biex jaqilbu l-fornitur malajr

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tagħti liċ-ċittadini **d-dritt li jaqilbu** għal fornituri alternattivi tal-enerġija¹⁴; madankollu huwa stmat li ċ-ċittadini jitolfu medja ta' **EUR 152 fis-sena** minħabba li ma jaqilbux dan¹⁵. Raġuni waħda hija n-nuqqas ta' trasparenza; mhux l-għodod ta' tqabbil eżistenti kollha jistgħu jkunu biżżejjed f'dan ir-rigward, u filwaqt li l-pjattaformi intermedjarji jistgħu jiffaċilitaw il-qlib, il-mudelli tagħhom tan-negozju mhux dejjem ikunu ċari, u dan jista' jikkomprometti t-trasparenza u r-responsabbiltà.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tal-enerġija jipprovdu lill-klijenti tagħhom "**l-aħjar pariri dwar it-tariffi**" abbażi tal-użu speċifiku tal-enerġija tagħhom mill-inqas darba fis-sena, u jistabbilixxu "**sistema ta' twissija bikrija**" jekk ikun hemm riskju li l-konsum tal-enerġija ta' klijent jaqbeż ħafna l-livell preżunt meta ġie konkluż il-kuntratt u kull meta ssir disponibbli offerta oħra¹⁶. Tali servizzi, li jirriflettu dawk ipprovduti f'setturi oħra¹⁷, jippermettu lill-konsumaturi jirreaġixxu fil-pront u jibdlu l-kuntratt (eż. minn flessibbli għal fiss), b'impatt pożittiv fuq il-kontijiet tagħhom.

Iċ-ċittadini għandu jkollhom aċċess għal **informazzjoni ċara** dwar il-kuntratti tagħhom; għandu jiġi pprovdut sommarju konċiż fi żmien xieraq qabel ma jiġi konkluż jew estiż kuntratt. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi vulnerabbli, inklużi dawk li ma għandhomx għodod jew ħiliet diġitali, ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv, il-fornituri għandhom jipprovdu dan is-sommarju mingħajr ħlas f'formati aċċessibbli u permezz ta' kanali multipli. Il-Kummissjoni se tippovdi gwida dwar it-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin u thegħeġ lill-fornituri jipprovdu **sommarju standardizzat**.

Ostakli tekniċi bla bżonn ixekklu wkoll lill-klijenti milli jaqilbu l-fornituri. Biex tindirizzahom, il-Kummissjoni se tistabbilixxi regoli tekniċi għall-fornituri biex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet tal-back office għall-qlib fl-UE kollha jkunu jistgħu jitlestew fi żmien 24 siegħa. Barra minn hekk, **l-implimentazzjoni sħiħa tal-miters intelliġenti** mill-Istati Membri hija kruċjali. Biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, jew biex jibbenefikaw minn servizzi ta' flessibbiltà (ara l-Azzjoni 6), iċ-ċittadini jeħtieġ li jkollhom stampa ċara tal-enerġija li jikkunsmaw.

Għan	It-titjib tat-trasparenza u l-komparabbiltà tal-offerti tal-provvista tal-enerġija; il-possibbiltà ta' qlib tekniku tal-fornituri fi żmien 24 siegħa.
Riżultat	Permezz tal-qlib, iffrankar stmat sa EUR 152 fis-sena .
Kif	Il-Kummissjoni se tadotta regoli tekniċi dwar il-qlib tal-fornituri (Q1 2026) ; se tadotta rakkomandazzjoni dwar is-sommarju tat-termini u l-kundizzjonijiet ewlenin tal-kuntratti tal-enerġija (Q1 2026); u se tikkunsidra rakkomandazzjoni dwar mudelli standardizzati għall-kontijiet tal-enerġija (2027).

PILASTRU II: IL-PROTEZZJONI U L-GĦOTI TAS-SETGħA LILL-KONSUMATORI

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (riformulazzjoni), l-Artikoli 4 u 12.

¹⁵ [CER 2021 Annual Report on the Results of Monitoring the Internal Electricity and Natural Gas Markets](#)

¹⁶ Ara wkoll l-Azzjoni 7.

¹⁷ Fit-telekomunikazzjoni, il-fornituri għandhom jaqilbu lill-klijenti l-aħjar pariri dwar it-tariffi mill-inqas darba fis-sena, u dan jista' jhegħiġhom ibiddu l-għażla kuntrattwali tagħhom.

Azzjoni 5: It-tisħiħ tal-awtoproduzzjoni tal-enerġija u tal-kondiviżjoni tal-enerġija fost iċ-ċittadini

Iċ-ċittadini jistgħu jiddeċiedu li jingħaqdu flimkien u jistabbilixxu **komunità tal-enerġija** biex jiġġestixxu investimenti konġunti u jipproduċu u jikkunsmaw l-enerġija rinnovabbli, pereżempju permezz ta' pannelli solari, turbini eoliċi, u sistemi ta' tisħin distrettwali. Dan huwa dritt iggarantit mil-liġi tal-UE¹⁸. Filwaqt li aktar minn 8 000 komunità tal-enerġija bħalissa huma attivi fl-Ewropa¹⁹, il-**potenzjal mhux sfruttat** huwa enormi, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, pereżempju billi tiġi prodotta enerġija rinnovabbli, inklużi l-bijogass u l-bijometan, u l-ġestjoni tal-iskart lokali. Il-benefiċċji kollettivi jistgħu jinkisbu wkoll permezz tal-**kondiviżjoni tal-enerġija**. Dan jippermetti lil grupp akbar ta' persuni bħall-inkwilini, l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, u dawk mingħajr spazju xieraq jibbenefikaw direttament minn enerġija rinnovabbli prodotta lokalment. L-awtoproduzzjoni u l-kondiviżjoni tal-enerġija jfissru awtonomija akbar u aċċess stabbli għal prezzijiet affordabbli u aktar stabbli, u jagħmlu s-sistema tal-enerġija aktar effiċjenti.

Sal-2030, aktar minn 16-il miljun unità domestika u 630 000 SME jistgħu jipproduċu l-enerġija rinnovabbli tagħhom stess²⁰. Hemm il-potenzjal li tiżdied il-kapaċità installata tal-enerġija rinnovabbli tal-komunitajiet tal-unitajiet domestiċi **sa għaxar darbiet**²¹. L-unitajiet domestiċi individwali li jipproduċu u jikkunsmaw l-enerġija solari tagħhom stess jistgħu jiksbu ffrankar ta' EUR 260–550 fis-sena. Għall-komunitajiet tal-unitajiet domestiċi b'taħlita ta' enerġija mir-riħ u mix-xemx, dan jista' jkun ta' EUR 440–930 fis-sena.²²

Sabiex jintlaħaq dan il-potenzjal, il-komunitajiet tal-enerġija jeħtieġ li jingħataw is-setgħa li jikkondividu l-elettriku mingħajr ma jkunu soġġetti għal tariffi eċċessivi tal-fornitur, ibiġghu l-enerġija żejda u jisfruttaw il-potenzjal tagħhom li jibbilanċjaw id-domanda għolja jew baxxa tas-suq. Ir-rekwiżiti amministrattivi jridu jitnaqqsu kemm jista' jkun. Għandu jiġi pprovdut appoġġ immirat biex tiġi żgurata l-aċċessibilità għall-unitajiet domestiċi fqar fl-enerġija u vulnerabbli. Biex tappoġġa lill-Istati Membri f'dan l-isforz, il-Kummissjoni se toħroġ **pjan ta' azzjoni għall-komunitajiet tal-enerġija**.

Għan	L-isfruttar tal-potenzjal tal-komunitajiet tal-enerġija biex iżidu l-kapaċità installata tagħhom tal-enerġija rinnovabbli b'sa għaxar darbiet sal-2030 fl-UE, li jippermetti l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għal 25–30 miljun unità domestika.
Riżultat	Iffrankar potenzjali ta' EUR 260–550 fis-sena għal unitajiet domestiċi individwali u benefiċċju finanzjarju potenzjali ta' EUR 440–930 fis-sena għall-komunitajiet.
Kif	Il-Kummissjoni se tipprovdi gwiida lill-Istati Membri dwar kif jistgħu jisfruttaw il-komunitajiet potenzjali tal-enerġija u l-awtokonsum tal-enerġija , inkluż il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki abbażi ta' valutazzjoni tal-ostakli potenzjali u eżistenti (Q1 2026); se tadotta regolament ta' implimentazzjoni dwar l-interoperabbiltà tad-data biex jiġi żgurat li l-kondiviżjoni tal-enerġija tkun faċli biex tintuża u tkun awtomatizzata għalkollox

¹⁸ L-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

¹⁹ Stima bbażata fuq interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett, mhux limitata għad-definizzjonijiet tal-UE biss.

²⁰ Studju tal-EnTEC dwar il-potenzjal tal-enerġija taċ-ċittadin (li se jiġi ppubblikat dalwaqt).

²¹ L-enerġija komunitarja tista' tikkontribwixxi sa 90 GW, li tammonta għal 8 % tal-ġenerazzjoni totali tal-elettriku rinnovabbli fl-UE sal-2030. Ara l-istudju tal-EnTEC dwar il-potenzjal tal-enerġija taċ-ċittadin (li se jiġi ppubblikat dalwaqt).

²² L-iffrankar tal-kostijiet jiġi kkalkulat abbażi tal-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa u bl-imnut fl-2020 u fl-2022. Meta l-elettriku jiġi awtokunsmat bl-użu tal-grilja, japplikaw it-tariffi u t-taxxi kollha tan-network.

	għall-konsumaturi (2027); u se toħroġ sensiela ta' gwidi prattiċi u pass pass dwar kif jiġu stabbiliti u ġestiti proġetti tal-enerġija komunitarja għall-unitajiet domestiċi u partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-SMEs, il-bdiewa u l-awtoritajiet pubbliċi (2026–2027).
--	---

Azzjoni 6: Il-promozzjoni tal-flessibbiltà permezz ta' kuntratti bl-imnut

Il-konsumaturi b'kuntratti flessibbli bl-imnut jistgħu jiffrankaw b'mod sinifikanti. F'xi każijiet, il-kontijiet tal-elettriku jistgħu jkunu sa **40 % inqas**, meta d-domanda għat-tisħin tinbidel għal ħinijiet meta l-prezzijiet tal-elettriku jkunu baxxi²³. Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-flessibbiltà tad-domanda għandha tiġi promossa b'mod attiv fl-UE kollha. Il-benefiċċji jinkludu tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u kostijiet aktar baxxi tan-network, kif ukoll hteġa aktar baxxa ta' miżuri ta' appoġġ għall-kapaċità, bi ffrankar annwali potenzjali stmat għal **EUR 2,7 biljun sal-2030**²⁴.

It-twertiq ta' dawn il-benefiċċji jfisser li jiġi żgurat li **l-kuntratti flessibbli bl-imnut ikunu disponibbli b'mod wiesa'**; li l-konsumaturi jkollhom **aċċess għal ipprezzar trasparenti u informazzjoni affidabbli**, u **għal pariri mmirati** dwar kif jagħżlu l-kuntratt ta' provvista l-aktar adattat għall-ħtiġijiet tagħhom; u li **l-għodod tekniċi** meħtieġa jkunu fis-seħħ. **Is-sistemi ta' kejl intelliġenti** huma kruċjali għaliex dawn jipprovdu d-data meħtieġa biex il-flessibbiltà taħdem. L-aċċess effiċjenti għad-data rilevanti jkompli jiffaċilita awtomatizzazzjoni akbar, u b'hekk itejjeb l-esperjenza tal-konsumatur, filwaqt li jiżgura protezzjoni b'saħħitha tad-data.

Il-promozzjoni tal-flessibbiltà tfisser ukoll it-tneħħija tal-ostakli għall-fornituri tas-servizzi tal-flessibbiltà — kumpaniji li jippremjaw lill-klijenti tagħhom talli jaqilbu l-użu tal-elettriku tagħhom mill-ħinijiet bl-ogħla domanda għal perjodi orħos, u b'hekk inaqqsu l-pressjoni fuq il-grilji lokali. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida biex tgħin ħalli jitneħħew dawn l-ostakli, bħal diżinċentivi jew sinjali tal-prezzijiet mhux xierqa.

Barra mill-UE, *Solar Sharer Offer* tal-Awstralja tipprovdi lill-unitajiet domestiċi elettriku mingħajr kostijiet matul il-ħinijiet ta' ġenerazzjoni solari għolja. Fl-UE l-fornituri kienu qed jiżviluppaw ukoll offerti b'eletriku mingħajr kostijiet. L-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jesploraw mekkaniżmi simili adattati għall-qafas regolatorju tal-UE, li jippermettu benefiċċji diretti għaċ-ċittadini mit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa billi jnaqqsu l-kontijiet mingħajr ma jirrikjedu investiment bil-quddiem fil-bjut solari, li jħeġġu l-flessibbiltà min-naħa tad-domanda, jallinjaw il-konsum ma' perjodi ta' output rinnovabbli għoli, itejbu l-effiċjenza tal-grilja u jsaħħu l-appoġġ pubbliku għad-dekarbonizzazzjoni, billi jagħmlu l-vantaġġi tat-tranżizzjoni tal-enerġija viżibbli u tanġibbli.

Għan	Li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod kunfidenti minn kuntratti flessibbli bl-imnut u minn apparati tal-enerġija intelliġenti li jottimizzaw l-użu tal-enerġija.
Riżultat	Kontijiet tal-konsumatur u kostijiet tas-sistema aktar baxxi, b'iffrankar potenzjali sa 40 % ²⁵ .

²³ Abbażi tad-data mir-[rapport ta' monitoraġġ tas-suq tal-ACER tal-2025](#) u tal-kalkoli tal-Kummissjoni stess.

²⁴ Demand-side Flexibility: Quantification of benefits in the EU; DNV for smartEn, Settembru 2022.

²⁵ Abbażi tad-data mir-[rapport ta' monitoraġġ tas-suq tal-ACER tal-2025](#) (Rewarding Flexibility: How retail contract choice can help unlock consumer flexibility) u l-kalkoli tal-Kummissjoni stess, il-konsumaturi tal-elettriku jistgħu jiksibu ffrankar sa 40 % jekk jaqilbu għal kuntratt bi prezz dinamiku u jiġġestixxu b'mod attiv il-konsum tagħhom.

Kif	Il-Kummissjoni se ttiprovdi gwida biex tippromwovi r-remunerazzjoni tal-flessibbiltà fil-kuntratti bl-imnut (Q1 2026); se ttejjeb l-aċċess għad-data meħtieġa għall-flessibbiltà b' Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri tal-interoperabbiltà (2027); u se tippromwovi l-potenzjal tal-flessibbiltà u tal-effiċjenza fi proġetti rilevanti fl-ambitu tas- Sħubijiet ġodda għal Djar Aħjar (2026).
-----	---

Azzjoni 7: It-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur

Il-konsumaturi tal-enerġija jiffaċċjaw **prattiki aggressivi ta' telekummerċjalizzazzjoni** jew xi drabi jsibuha diffiċli biex jinnavigaw is-swieq tal-enerġija. Dan jirriżulta f'**nuqqas ta' fiduċja** fis-suq u jirrestrinġi l-opportunitajiet biex wieħed jibbenefika minn alternattivi orħos jew servizzi aktar innovattivi²⁶.

Biex ittejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-enerġija għall-klijenti, il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, mal-fornituri u mar-regolaturi tal-enerġija biex tiżviluppa **kodiċi ġdid ta' servizz għall-fornituri tal-enerġija**, bħala l-ewwel pass lejn il-ġlieda kontra **l-prattiki żleali ta' kummerċjalizzazzjoni**. Il-kodiċi se jagħti lill-fornituri tal-enerġija l-opportunità li jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti eżistenti biex jipprovdu ġestjoni effiċjenti tal-ilmenti u jipprevjenu skonnessjonijiet ta' konsumaturi vulnerabbli — bħala dawk li jgħixu f'żoni rurali — permezz ta' perjodi ta' avviż itwal, pjanijiet ta' pagament imfassla apposta, provvista minima, u li joffru “l-aħjar pariri dwar it-tariffi” u sistemi ta' “twissija bikrija” (ara l-Azzjoni 4). Il-kodiċi se jservi bħala **marka ta' fiduċja** li permezz tagħha l-fornituri tal-enerġija jindikaw lill-konsumaturi li jistgħu jistennew servizzi trasparenti u ekwi. Xi Stati Membri diġà qed japplikaw u jinforzaw tali kodiċi b'suċċess²⁷. Se jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk tali kodiċi se jiġix infurzat fil-livell nazzjonali u kif.

Filwaqt li **l-IA u d-diġitalizzazzjoni** se jgħibu ħafna benefiċċji, inkluż l-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis fil-kontijiet tal-enerġija, dawn jippreżentaw ukoll sfidi ġodda. Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk ir-regoli attwali humiex adattati għall-iskop tagħhom f'dan ir-rigward.

Il-fiduċja fis-suq tiddgħajef jekk il-fornituri tal-enerġija ma jipproteġux lilhom infushom kontra l-prezzijiet volatili. Meta l-fornituri tal-enerġija jfallu, il-klijenti jistgħu jitilfu kull ħlas bil-quddiem u jistgħu jiġu mġiegħla jidħlu f'kuntratti inqas favorevoli. Biex dan jiġi evitat, il-Kummissjoni se ttiprovdi gwida lir-regolaturi nazzjonali dwar kif jistgħu jiżguraw li l-fornituri tal-enerġija jfasslu **strateġiji xierqa ta' ġestjoni tar-riskju u ta' ħħeġġjar**, biex jgħinu jżommu s-suq tal-elettriku bl-imnut stabbli u affidabbli.

Għan	It-tisħiħ tal-fiduċja; l-indirizzar tat-telekummerċjalizzazzjoni/tal-kummerċjalizzazzjoni aggressiva u qarrieqa; il-protezzjoni taċ-ċittadini mill-konsegwenzi tal-fallimenti tas-suq.
Riżultat	Żieda fil-fiduċja tal-konsumatur u kwalità oġhla ta' servizz. Trasparenza akbar tas-suq li twassal għal ipprezzar kompetittiv u effiċjenza mtejbja tas-servizz.
Kif	Il-Kummissjoni se tisfrutta l-benefiċċji tal-konsumaturi billi tipproponi kodiċi ta' servizz li jinftiehem faċilment dwar id-drittijiet tal-konsumaturi lill-fornituri tal-enerġija, li jistgħu jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju għal standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur ibbażati fuq it-trasparenza, l-ekwità, il-fiduċja

²⁶ L-[Ewrobarometru](#) jindika Prattiki kummerċjali żleali bħala qasam għal titjib. 82 % tar-rispondenti jkollhom aktar fiduċja f'fornitur tal-enerġija li jsegwi kodiċi ta' Prattika dwar id-drittijiet tal-konsumaturi ċċertifikat uffijjalment.

²⁷ Pereżempju, l-Irlanda, in-Netherlands u Franza.

reċiproka u r-responsabbiltà (Q4 2026); se tippubblika gwida ġdida biex tappoġġa lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-prevenzjoni tal-fallimenti tal-fornituri billi ttejjeb il-ġestjoni tar-riskju (Q1 2026); u se tivvaluta l-ħtieġa li tiġi adottata proposta legali ġdida tal-UE dwar id-drittijiet tal-enerġija tal-konsumaturi għal wara l-2029 biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-konsumaturi anke f'kuntratti innovattivi ġodda u jiġu indirizzati Prattiki ta' (tele)kummerċjalizzazzjoni aggressivi jew qarrieqa (2028).
--

PILASTRU III: L-INDIRIZZAR TAL-FAQAR ENERĠETIKU U TAL-VULNERABBILTÀ

L-ekwità u l-ugwaljanza huma fil-qalba tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Skont l-aħħar sħarriġ tal-Ewrobarometru, il-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli u ta' dawk fil-faqar enerġetiku hija **l-ewwel prijorità** għall-Ewropej²⁸. Il-faqar enerġetiku, l-akkomodazzjoni mhux affordabbli u l-aċċess limitat għall-akkomodazzjoni soċjali jistgħu jwasslu għal riskji dejjem akbar ta' vulnerabbiltajiet. L-UE qed tiżviluppa l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar biex tgħin lin-nies jaċċessaw protezzjoni u servizzi essenzjali, tindirizza l-kawżi ewlenin tal-faqar, u tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar sal-2050. Il-fatt li kulħadd ikollu aċċess għall-enerġija bħala servizz essenzjali se jnaqqas il-vulnerabbiltà u l-faqar fl-UE.

Azzjoni 8: Ningħaqdu flimkien biex innaqqsu l-faqar enerġetiku

Fl-2024, madwar **42 miljun Ewropew** (9,2 % tal-popolazzjoni tal-UE) ma setgħux isaħħnu djarhom b'mod adegwat²⁹. Din hija sitwazzjoni serja u inaċċettabbli għal ħafna ċittadini fl-UE, b'impatti sproporzjonati fuq il-familji u l-gruppi tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' diskriminazzjoni.

Il-qafas legali tal-UE jirrikjedi li l-Istati Membri jindirizzaw il-faqar enerġetiku u jiproteġu lill-konsumaturi vulnerabbli permezz ta' miżuri ta' politika u ta' azzjonijiet konkreti. Madankollu, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni³⁰ tal-pjanijiet nazzjonali aġġornati għall-enerġija u l-klima turi li dawn **ir-regoli mhumiex implimentati b'mod uniformi fl-UE kollha**. Dan huwa parzjalment minħabba d-diffikultà biex jiġu identifikati u jintlaħqu l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-persuni li qed jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku, u biex **il-ħtiġijiet jissarrfu b'mod effettiv f'miżuri ta' appoġġ effiċjenti** — peress li l-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà huma **multidimensjonali**. Biex tgħin lill-Istati Membri jagħmlu l-**pjanijiet nazzjonali** tagħhom aktar ambizzjużi u jnaqqsu l-faqar enerġetiku, il-Kummissjoni se tipprovdi gwida addizzjonali u se tikkondividi Prattiki tajbin u replikabbli. Dawn se jiffukaw fuq approċċi nazzjonali u lokali ta' suċċess biex jiġu indirizzati l-faqar enerġetiku u l-inċentivi opposti³¹, filwaqt li jiġi żgurat li l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika jinżammu anke għall-unitajiet domestiċi li jirċievu benefiċċji soċjali biex ikopru l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. F'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1275 dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, il-Kummissjoni se tgħin ukoll lill-Istati Membri jfasslu l-**pjanijiet nazzjonali tagħhom ta' rinnovazzjoni tal-bini** sa tmiem l-2026 biex jidentifikaw il-bini bl-aġħar rendiment, fejn jirrisjedu l-aktar ċittadini vulnerabbli, u jfasslu politiki mfassla apposta li jgħinuhom innaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom u jgħixu b'mod aktar komdu fi djarhom, fix-xitwa u fis-sajf. Il-pjanijiet għandhom ukoll l-għan li jintegraw **l-aċċessibbiltà** għall-persuni akbar fl-età u għall-

²⁸ [Ewrobarometru Flash 566](#) “Consumer behaviour in the energy transition”, Diċembru 2025.

²⁹ Eurostat “[Population unable to keep home adequately warm by poverty status](#)”, Frar 2026.

³⁰ [SWD\(2025\) 140 final](#).

³¹ L-inċentivi opposti jseħħu meta s-sidien ma jkollhomx motivazzjoni biex itejbu l-akkomodazzjoni peress li l-inkwilini jiksbu l-biċċa l-kbira tal-benefiċċji iżda ma jkunux jistgħu jagħmlu l-bidliet huma stess.

persuni b' diżabilità fil-kuntest tar-rinnovazzjonijiet.

Minbarra l-proġetti tal-faqar enerġetiku fl-ambitu tal-Fond Soċjali għall-Klima³², tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni³³ jew ta' appoġġ ieħor ipprovdut fil-livell lokali permezz taċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku (EPAH), il-Kummissjoni se tnedi **sejħa ġdida għal proposti fl-ambitu tal-programm LIFE**³⁴ biex tiffinanzja proġetti li jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali bil-għan li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, filwaqt li tibni fuq 10 proġetti li diġà għaddejjin. Dan se jagħti s-setgħa lil atturi addizzjonali biex ifasslu u jżidu miżuri mmirati li jipprovdu lill-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku b' soluzzjonijiet dejjiema għal enerġija affordabbli u kundizzjonijiet tal-għajxien imtejba. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se ttiprovdi gwida dwar modi kif jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-persuni f' faqar enerġetiku matul id-**dekummissjonar tan-networks tal-gass naturali**.

Għan	L-ghajjnuna lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali biex jieħdu azzjonijiet konkreti ħalli jitnaqqas l-għadd ta' persuni fil-faqar enerġetiku u jiġu protetti l-konsumaturi vulnerabbli bil-għan li tiġi żgurata tranżizzjoni tal-enerġija ekwa u ġusta.
Riżultat	Politiki aktar konsistenti u mmirati għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli fil-faqar enerġetiku jew f' riskju ta' faqar enerġetiku; aċċess aktar rapidu, aktar ekwu u aktar affordabbli għal soluzzjonijiet strutturali (eż. rinnovazzjonijiet); tnaqqis progressiv u li jista' jitkejjel tal-faqar enerġetiku u kwistjonijiet tas-saħħa u soċjali relatati fl-UE kollha.
Kif	Il-Kummissjoni se: <ul style="list-style-type: none"> ○ taġġorna r-Rakkomandazzjoni tagħha dwar il-faqar enerġetiku³⁵ biex ttiprovdi analiżi addizzjonali u tikkondividi prattiki tajbin u replikabbli. Din se tinkludi prattiki li jindirizzaw b' suċċess il-faqar enerġetiku u jneħħu l-inċentivi opposti, jużaw għodod diġitali, jissimplifikaw is-sensibilizzazzjoni għal ċittadini vulnerabbli, jimplimentaw miżuri transsettorjali biex jiproteġu liċ-ċittadini minn mewġiet ta' sħana, jippromwovu għodod ta' finanzjament innovattivi għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika u juru kif il-kondiviżjoni tal-enerġija u l-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jtaffu l-faqar enerġetiku b' mod effettiv (Q4 2026); ○ tkompli ttiprovdi assistenza teknika u gwida addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jimmiraw b' mod effettiv liċ-ċittadini vulnerabbli permezz ta' politiki u ta' miżuri (2026–2028); kif ukoll ○ tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jilhq u liċ-ċittadini li qed jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku b' miżuri effiċjenti billi tiffinanzja proġetti ġodda fl-ambitu tal-programm LIFE li jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Se tiegħu azzjonijiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni mfasla apposta biex tinforma liċ-ċittadini vulnerabbli u foqra fl-enerġija dwar opportunitajiet kosteffettivi għall-iffrankar tal-enerġija (2026–2027).

³² Bejn l-2026 u l-2032, il-Fond Soċjali għall-Klima se jipprovdi sa EUR 86,7 biljun biex jgħin lill-persuni vulnerabbli u lin-negozji ż-żgħar li huma l-aktar affettwati miż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u tat-trasport.

³³ Ir-Regolament dwar il-modernizzazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni jinċentiva lill-Istati Membri biex iżidu l-finanzjament għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, b' enfasi fuq l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku.

³⁴ [Il-Programm ta' Ħidma Pluriennali LIFE għall-perjodu 2025-2027](#)

³⁵ [EUR-LEX 32023H2407](#)

Azzjoni 9: Il-protezzjoni taċ-ċittadini vulnerabbli mill-iskonnessjonijiet

Għal ħafna ċittadini tal-UE, inklużi dawk li diġà qed jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku, l-**inabbiltà li jħallsu l-kontijiet tal-enerġija** hija tħassib urġenti addizzjonali. Ir-riskju li jiġu skonnessi mill-provvista tal-elettriku u tal-gass tagħhom, li jista' jkollu impatt serju fuq il-kwalità tal-ħajja u tas-saħħa tagħhom, inkluża s-saħħa mentali. Fl-2024, madwar **31 miljun Ewropew ma ħallsux il-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom fil-ħin**³⁶.

Il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-Istati Membri, mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, mal-fornituri tal-enerġija, mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tistabbilixxi sistemi fil-livell nazzjonali biex jiġu identifikati **sinjali ta' twissija bikrija** meta l-unitajiet domestiċi jkollhom diffikultà biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. L-għan huwa li l-kumpaniji tal-enerġija jiġu megħjuna jintervjenu u joffru appoġġ lil dawn l-unitajiet domestiċi qabel ma l-problema tmur għall-agħar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippromwovi prattiki tajbin dwar il-prevenzjoni u l-protezzjoni mill-iskonnessjonijiet, inklużi **skemi ta' ġestjoni tad-dejn**.

Għan	Protezzjoni aħjar għaċ-ċittadini vulnerabbli u foqra fl-enerġija f'riskju ta' skonnessjonijiet tal-enerġija, permezz ta' skemi ta' twissija bikrija u ta' ġestjoni tad-dejn.
Riżultat	Inqas skonnessjonijiet; protezzjoni konsistenti għall-konsumaturi vulnerabbli fl-UE kollha; vulnerabbiltà mnaqqsa; ġustizzja soċjali, saħħa u benesseri mtejba.
Kif	Il-Kummissjoni se tipproduċi linji gwida ta' appoġġ u se torganizza korsijiet ta' taħriġ għall-awtoritajiet nazzjonali u lokali dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' salvagwardji mill-iskonnessjoni , u se tippromwovi l-aħjar prattiki permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma, avvenimenti u pubblikazzjonijiet immirati (Q2–Q3 2026); u se tinforma dwar l-appoġġ disponibbli b'azzjonijiet ta' komunikazzjoni ddedikati (matul l-2026).

PILASTRU IV: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-LIĠIJET EŻISTENTI TAL-UE

Iċ-ċittadini Ewropej jibbenefikaw minn protezzjoni qawwija tal-konsumatur bis-saħħa tal-liġijiet tal-UE — madankollu, **l-implimentazzjoni għadha irregolari**. Mingħajr implimentazzjoni b'saħħitha fil-prattika, se jippersisti d-distakk bejn l-ambizzjoni tal-UE u l-esperjenza ħajja tan-nies. **L-awtoritajiet lokali** għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ u fl-involviment maċ-ċittadini, iżda spiss ma jkunux involuti biżżejjed fl-iżvilupp tal-politika u **ma jkollhomx is-setgħat u l-mezzi** biex iwasslu miżuri liċ-ċittadini.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tgħin fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-liġijiet tal-UE — b'mod partikolari, billi tadotta **gwida u analiżi teknika** dwar il-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsum inkluż pjan ta' azzjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija; protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli u tal-klijenti fil-faqar enerġetiku mill-iskonnessjoni tal-enerġija u matul l-eliminazzjoni gradwali tal-gass; is-sommarju tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ewlenin; ġestjoni tar-riskju mill-fornitur; prezzijiet bl-imnut ibbażati fis-suq; remunerazzjoni tal-flessibbiltà fil-kuntratti bl-imnut; regoli tekniċi għall-qlib tal-fornituri.

Naturalment, l-implimentazzjoni ma tistax isseħħ mingħajr ma jitqiesu **l-partijiet ikkonċernati differenti kollha**. Huwa għalhekk li, sabiex jintlaħqu l-oġettivi kollha stabbiliti f'din il-komunikazzjoni, huwa essenzjali li jkun hemm interazzjoni u **involviment** b'saħħithom

³⁶ Eurostat, "[Arrears on utility bills](#)", Frar 2026.

bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u ċ-ċittadini nfushom, kif ukoll mas-soċjetà ċivili, mar-regolaturi, mal-industrija u mad-dinja akkademika. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se **tissimplifika** l-inizjattivi eżistenti u żżid il-viżibbiltà tal-għodod ta' appoġġ eżistenti — bħaċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Enerġija taċ-Ċittadini, iċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku, il-Patt tas-Sindki, l-Inizjattiva għall-Gżejjer tal-UE, l-Inizjattiva tar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni u l-Forum dwar l-Imġiba Enerġetika — filwaqt li taġġorna l-**Forum taċ-Ċittadini dwar l-Enerġija** eżistenti għal punt fokali għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u għat-traċċar tal-progress fl-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se toħroġ ukoll gwida għall-Istati Membri biex jagħtu s-setgħa lill-bliet, filwaqt li tappoġġahom biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-awtoritajiet lokali fit-twettiq tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. **Permezz tal-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-konsumatur, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-involviment taċ-ċittadini, filwaqt li tiżgura li l-konsumaturi jkunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u l-opportunitajiet disponibbli fis-suq tal-enerġija tal-UE.**